BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Mejju 2011 fid-9.00am**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzati** | **Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Mrs Bernardette Pace** |

***<u>AĠENDA -1</u>***

Is-Sindku għal darba oħra reġa' informa l-Kamra fir-rigward l-ilmenti li ta' kuljum jidħlu l-Kunsill fir-rigward tal-indafa tal-latrini pubbliċi ta' Wied il-Buni. Dawn m'humiex jinżammu nodfa kif suppost kif ukoll mhux qiegħed ikun hemm *attendant* kif inhu miftiehem fil-kuntratt. Is-Sindku għamel spezzjonijiet ta' sikwit u dejjem sab il-latrini pubbliċi mingħajr *attendant* u m'humiex imnaddfa sewwa. Ma nistgħux inkomplu hekk.

S.Cuschieri saħqet li hemm bżonn li jsir kanċell fuq barra sabiex nevitaw li jkun hemm abbużi bil-lejl. Kulħadd qabel. Ukoll informat lill-Kamra li wara l-laqgħa pubblika li saret nhar id-19 ta' Mejju 2011 marret u sabet l-*attendant* u kellmitha dwar l-indafa.

R.Zahra għamel l-intervent tiegħu u saħaq li ħafna mill-abbuż, il-Kuntrattur m'għandhux kontroll fuqu għax isir matul il-lejl għalhekk għandu jsir kanċell.

J.Baldacchino informa l-Kamra li għamel il-kalkoli sabiex il-Kuntrattur ikun jista' joħroġ bl-anqas prezz u jipprovdi s-servizz mitlub u l-Kuntrattur preżenti tefa' wisq prezz baxx sabiex ikun jista' jaħdem.

Kulħadd qabel li l-latrina m'għandiex tibqa' fl-istat li hi għaldaqstant il-Kuntrattur għandu jingħata it-tielet *warning* u jitwaqqaf, filwaqt li l-Kunsill għandu jagħżel Kuntrattur biex jipprovdi servizz ta' emerġenza sakemm tinħareġ *tender* ġdida u tiġi aġġudikata. Kulħadd qabel.

***<u>Għeluq</u>***

Is-Seduta għalqet fl-10.00am.

| | |
|---|---|
| **.......................................** | **...........................................** |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |